



Kumitat għall-Iżvilupp

2021/2255(INI)

20.6.2022

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp

għall-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u l-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

dwar il-Bauhaus Ewropea l-Ġdida
(2021/2255(INI))

Rapporteur għal opinjoni (*): Martina Michels

(*) Kumitat assoċjat – Artikolu 57 tar-Regoli ta' Proċedura

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjoali jistieden lill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija u lill-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni, bħala l-kumitati responsabbli, biex jinkorporaw s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tagħhom:

1. Jilqa' l-inizjattiva tal-NEB, li għandha l-għan li tamplifika l-Patt Ekoloġiku Ewropew u li tagħtih dimensjoni kreattiva u kulturali b'saħħha, li tqarribha lejn in-nies fl-UE, u li tikkomplementa l-istrateġiji għall-koeżjoni territorjali, soċjali u ekonomika bil-valuri tagħha ta' soluzzjonijiet sbieħ, sostenibbli u inklużivi;
2. Jemmen li dawn il-prinċipji tal-NEB għandhom jiġu inkorporati wkoll fl-infiq taħt il-politika ta' koeżjoni biex tinbena r-reżiljenza għall-klima u tissaħħaħ il-koeżjoni soċjali sabiex tittejjeb il-kwalità tal-ħajja tan-nies fl-UE billi jiġu ttrasformati l-postijiet li jgħixu fihom, bl-NEB bħala mutur għall-iżvilupp ekonomiku, u billi jitqies kif xieraq il-wirt kulturali;
3. Ifakkar li l-NEB telabora dwar il-funzjonijiet soċjali u tal-bini tal-komunità tal-Bauhaus oriġinali billi tintegra l-arti u l-arkitettura fl-għajxien residenzjali ta' kuljum u fil-ħajja tax-xogħol tan-nies; jiġbed l-attenzjoni għall-kwistjoni urġenti taż-żieda fil-prezzijiet tal-enerġija u ż-żieda b'riżultat ta' dan fil-faqar enerġetiku fost l-unitajiet domestiċi tal-UE;
4. Jenfasizza li l-NEB għalhekk jeħtieġ li tagħti prijorità lill-bini soċjalment inklużiv u effiċjenti fl-użu tal-enerġija b'sistemi ta' ġenerazzjoni tal-enerġija rinnovabbli li jistgħu jissodisfaw kwalunkwe domanda residwa jew ħtiġijiet oħra tas-sistema tal-enerġija, inklużi dawk ta' mezzi tat-trasport sostenibbli, kif ukoll soluzzjonijiet ta' akkomodazzjoni tajbin, aċċessibbli u affordabbli mibnija bl-involvement sinifikanti tar-residenti fil-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, u f'konformità mal-aħjar standards possibbli, li jgħinu biex titnaqqas il-marka tal-karbonju tal-akkomodazzjoni u l-użu tal-enerġija u tar-riżorsi fil-bini u jikkontribwixxu għall-ġlieda kontra l-faqar enerġetiku;
5. Jilqa' wkoll l-inizjattiva tal-NEB bħala pont possibbli bejn ix-xjenza u t-teknoloġija u l-arti u l-kultura, bejn ir-reġjuni tal-fruntiera, bejn it-Tramuntana u n-Nofsinhar tal-Ewropa, u bejn il-Punent u l-Lvant tal-Ewropa;
6. Jirrikonoxxi l-potenzjal tal-NEB, li jista' jintuża mill-awtoritajiet lokali u r-reġjuni biex isaħħu l-koeżjoni soċjali, ekonomika u territorjali, u jenfasizza l-importanza tal-prinċipju tal-governanza f'diversi livelli, iżda jenfasizza li l-opportunitajiet ta' parteċipazzjoni fil-NEB iridu jkunu kompletament inklużivi u aċċessibbli għal kulħadd, inklużi l-komunitajiet marġinalizzati, l-anzjani u l-persuni li jesperjenzaw nuqqas ta' akkomodazzjoni, ir-razziżmu, id-diskriminazzjoni, il-faqar jew l-esklużjoni soċjali, u għar-reġjuni kollha, inklużi ż-żoni urbani periferiċi, iż-żoni transfruntiera, iż-żoni affettwati mit-tranżizzjoni industrijali, u r-reġjuni li jbatu minn żvantaġġi naturali jew demografiċi gravi u permanenti, bħala żoni inqas popolati, rurali u muntanjużi, gżejjer u reġjuni ultraperiferiċi;
7. Jenfasizza li l-partijiet interessati bħall-awtoritajiet lokali u reġjonali, li huma atturi ewlenin fiż-żieda tal-parteeċipazzjoni pubblika, l-SMEs, l-organizzazzjonijiet tal-viċinat,

l-intrapriżi soċjali rilevanti, il-kooperattivi u fuq kollox ir-residenti lokali għandhom ikunu l-muturi tal-proġetti tal-NEB, filwaqt li joffru lill-partijiet kollha kkonċernati l-possibbiltà li jaqsmu l-viżjonijiet tagħhom u jiffaċċjaw l-isfidi; jenfasizza, barra minn hekk, li għandu jiġi żgurat rispett sħiħ għal approċċ minn isfel għal fuq permezz tal-involviment sinifikanti u l-konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra;

8. Jenfasizza li l-NEB għandha tappoġġja proġetti ffukati fuq l-iżvilupp ta' komunitajiet u spazju pubbliku, infrastruttura, mobilità sostenibbli intelliġenti u loġistika f'żoni residenzjali u jappella għal investiment fit-tul f'akkomodazzjoni sostenibbli u għall-but ta' kulħadd sabiex jikkontribwixxi għal swieq tal-akkomodazzjoni aktar stabbli u b'hekk jiġġielel kontra l-effetti negattivi tal-ispekulazzjoni tal-proprietà, itemm il-kondizzjoni ta' persuni mingħajr dar, u jappoġġja t-tkabbir ekonomiku lokali u l-opportunitajiet ta' impjeg, ir-riċerka u l-innovazzjoni;
9. Jissottolinja li l-NEB ikollha valur miżjud biss jekk isseħħ abbażi ta' approċċ ġenwinament integrat li jindirizza mhux biss il-problemi soċjali u l-isfidi klimatiċi, iżda wkoll itejjeb il-benesseri u l-koeżjoni soċjali tal-komunitajiet lokali; huwa tal-fehma li l-proġetti tal-NEB għandhom ikunu inklużivi, faċli li jintużaw mill-utent, b'mod partikolari fir-rigward persuni b'diżabbiltà jew b'mobbiltà mnaqqsa, u ġusti; Jemmen barra minn hekk li għandha tikkontribwixxi għall-affordabbiltà tat-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u r-rispett għall-prinċipju "l-effiċjenza enerġetika tiġi l-ewwel" fl-ippjanar urban u spazjali, l-akkomodazzjoni, ir-rinnovazzjoni reżiljenti u sostenibbli, il-konverżjonijiet tal-bini, u l-ħolqien mill-ġdid tal-ispażji pubbliċi u ekoloġiċi bħala ċ-ċentru tal-ħajja komunitarja għal kulħadd, kullimkien fl-UE;
10. Huwa tal-fehma li l-NEB trid ittejjeb l-ambjent mibni u tagħti aktar attenzjoni lill-kwalità u l-konsistenza tal-azzjonijiet għar-rinnovazzjoni, l-użu mill-ġdid u l-użu mill-ġdid ta' binjiet u siti qodma u abbandunati biex jinħolqu djar tajbin għas-saħħa u affordabbli jew spazji kulturali, artistiċi u rikreattivi pubbliċi, u b'hekk jingħata valur akbar lis-salvagwardja u l-preservazzjoni tal-wirt kulturali; jissuġġerixxi, f'dan ir-rigward, li l-użu ta' approċċi jew elementi tradizzjonali bħal materjali tal-bini sostenibbli jew tekniki tal-kostruzzjoni għandhom jiġu esplorati, peress li dan huwa konformi mal-Patt Ekoloġiku Ewropew, jirrifletti l-identità multikulturali diversa tal-UE u jarrikkixxi b'mod sinifikanti l-inizjattiva tal-NEB;
11. Jinsisti li għandha tingħata kunsiderazzjoni bir-reqqa lill-ħtieġa li jiġu żviluppati spazji ħodor u li jkun hemm soluzzjonijiet sostenibbli, aċċessibbli, sikuri u komdi għall-mobilità pubblika u individwali, għall-infrastruttura u għall-bini; jinkoraġġixxi forum ta' arti tat-triq li tista' ttejjeb il-kwalità u l-attraenza ta' viċinati lokali u spazji pubbliċi;
12. Jitlob li l-NEB tippromwovi bliet ta' 15-il minuta sabiex is-servizzi u l-kumditajiet essenzjali kollha jsiru aċċessibbli għaċ-ċittadini f'distanza bil-mixi, u ttipprovdi soluzzjonijiet innovattivi għall-iżvilupp ta' żoni urbani sostenibbli, kif ukoll soluzzjonijiet ta' mobilità sostenibbli, spazji pubbliċi inklużivi u soluzzjonijiet ibbażati fuq in-natura;
13. Jinnota li l-NEB tinkludi ħafna dimensjonijiet u oqsma ta' politika, li jistgħu jagħmluha ta' sfida għall-awtoritajiet reġjonali u lokali biex jivvalutaw bis-sħiħ kif jistgħu jagħmlu

l-aħjar użu mill-opportunitajiet li toffri;

14. Ihegġegħ lill-awtoritajiet nazzjonali jipprovdu appoġġ tekniku biex jipromwovu l-aħjar u l-aktar proġetti xjentifiċi u teknoloġiċi kreattivi li jippermettu l-ħolqien ta' impjiegi u opportunitajiet ġodda, b'mod partikolari għall-SMEs lokali;
15. Jisħaq li l-abbiltà tal-NEB li tipprovdi opportunitajiet akbar għal awtoritajiet lokali u reġjonali u s-soċjetajiet ċivili biex jitgħallmu l-aħjar prattiki mingħand xulxin, b'mod partikolari f'dak li jikkonċerna proġetti inklużivi li fihom ikunu involuti organizzazzjonijiet mhux governattivi u partijiet interessati rilevanti oħra, kif ukoll koordinazzjoni interdixiplinari;
16. Jemmen li l-programm għandu jinkoraġġixxi u jiffaċilita l-kooperazzjoni bejn id-diversi tipi ta' partijiet interessati pubbliċi u privati;
17. Jenfasizza r-rwol kruċjali tal-awtoritajiet pubbliċi fil-livell lokali u reġjonali fl-implimentazzjoni tal-NEB, bħala atturi tal-ewwel linja fil-ġlieda kontra t-tibdil fil-klima, u fl-iżgurar tal-koeżjoni ekonomika, territorjali u soċjali, u jinsisti li l-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali għandhom jingħataw is-setgħa li jiffaċilitaw il-proċess u joqogħdu lura milli jintroduċu kriterji burokratiċi addizzjonali mhux meħtieġa;
18. Jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri, għalhekk, jipprovdu definizzjonijiet ċari ta' kriterji ta' eliġibbiltà, valutazzjoni u għoti kif ukoll informazzjoni speċifika u mmirata u linji gwida dwar kif jiġu żviluppatti u ffinanzjati proġetti, inklużi proġetti fuq skala żgħira, għall-promozzjoni tar-riġenerazzjoni urbana u l-kunċetti tal-arkitettura, u biex jittieħed vantaġġ mill-opportunitajiet teknoloġiċi u ta' bini tal-kapaċità;
19. Jenfasizza l-importanza li jiġu fformulati kundizzjonijiet ċari għas-sostenibbiltà u l-ġestjoni ta' wara l-implimentazzjoni tal-proġetti ffinanzjati taħt l-inizjattiva tal-NEB u jistieden lill-Kummissjoni tipprevedi l-possibbiltà li tintroduċi indikaturi armonizzati u sostenibbli tal-UE biex jitkejjel l-iżvilupp tar-reġjuni, speċjalment permezz ta' proġetti NEB;
20. Jinnota li l-NEB torbot it-tliet pilastri tal-Aġenda Urbana għall-UE; jitlob li l-NEB tkun marbuta mas-sħubijiet taħt l-Aġenda Urbana tal-UE, hekk kif din l-Aġenda ilha taħdem fuq kunċetti relatati mal-Patt Ekoloġiku u mal-NEB għal madwar erba' snin, b'mod partikolari fir-rigward tal-kapaċità dwar l-azzjoni klimatika, il-proposta għal bliet aktar ekoloġiċi u l-użu ta' spazji pubbliċi;
21. Jisħaq fuq il-ħidma b'suċċess imwettqa mill-programm URBACT fl-iżvilupp ta' għodda li għandhom jibnu sinerġiji mal-NEB li jrawwu kooperazzjoni territorjali u jinkoraġġixxu innovazzjoni fl-iskambju ta' prattiki tajba fir-riġenerazzjoni urbana;
22. Jiddeplora n-nuqqas ta' ċarezza dwar il-finanzjament għall-NEB mill-2023 'il quddiem; jinsisti li finanzjament pubbliku xieraq u aċċessibbli u l-appoġġ tekniku huma kruċjali għall-inkoraġġiment u l-implimentazzjoni ta' ideat u proġetti tal-NEB fil-livelli lokali u reġjonali; jistieden lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jipprovdu, b'mod f'waqtu, lill-awtoritajiet lokali u reġjonali b'informazzjoni u linji gwida rilevanti, ċari u faċli għall-utent dwar il-possibbiltajiet finanzjarji kollha, fil-lingwi rispettivi tagħhom, u biex jappoġġjaw il-kondiviżjoni tal-aħjar prattiki, b'mod partikolari f'termini ta' attrazzjoni ta'

investiment pubbliku u privat;

23. Jiddikjara li linji gwida dwar il-finanzjament u strateġija ta' finanzjament jistgħu jgħinu biex jinkoraġixxu lill-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali jikkombinaw l-isforzi tagħhom u jagħmlu l-aħjar użu mid-diversi fondi tal-UE, inklużi l-opportunitajiet ta' finanzjament marbuta mal-inizjattiva tal-Mewġa ta' Rinnovazzjoni, għal proġetti interdixxiplinari, innovattivi u sostenibbli;
24. Jinnota l-approċċ *ad hoc* għall-għoti ta' finanzjament għall-proġetti tal-NEB permezz, fost l-oħrajn, tal-fondi strutturali u ta' investiment tal-UE, speċjalment il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, f'konformità mal-għan tiegħu li jappoġġja l-iżvilupp urban sostenibbli; jenfasizza li l-baġit allokat għall-perjodu 2021-2027 għall-politika ta' koeżjoni attwali, f'konformità mal-enfasi qawwija fuq objettivi politiċi intelliġenti, ekoloġiċi u soċjali, se jipprovdi finanzjament għal proġetti innovattivi ġodda; jitlob koordinazzjoni b'saħħitha bejn dawn il-fondi u programmi tal-NEB; jiddispijaċih madankollu li, għall-kuntrarju tal-pożizzjoni regolari meħuda mill-Parlament li inizjattivi ġodda jirrikjedu finanzjament ġdid, l-ebda finanzjament ġdid ma ġie pprovdut; jenfasizza li s-sempliċi riallokazzjoni tal-fondi eżistenti mhux se tkun biżżejjed biex jintlaħqu l-objettivi ta' din l-inizjattiva;
25. Huwa tal-fehma li sabiex ikollu impatt, viżibbli u jkun ta' suċċess fit-tul, l-NEB se jkollha bżonn riżorsi finanzjarji addizzjonali fil-perjodu finanzjarju ta' wara l-2027; konsegwentement jistieden lill-Kummissjoni tikkunsidra li tistabbilixxi programm ta' finanzjament tal-NEB tal-UE sal-QFP li jmiss u tressaq, b'mod f'waqtu, proposta għal dan il-għan, b'baġit iddedikat u stabbli;
26. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-viżjoni fit-tul tiġi integrata fil-politika ta' koeżjoni u f'politiki oħra tal-UE, sabiex tiġi stabbilita inizjattiva strutturata li tkun kapaċi toħloq prospetti ta' żvilupp u impjieġ; iqis għalhekk li t-tisħiħ tas-sħubijiet pubbliċi-privati, b'mod partikolari mal-SMEs, huwa vitali;
27. Jappella lill-Kummissjoni tinkludi prinċipji tal-NEB f'leġislazzjoni prospettiva rilevanti, tiżgura li l-NEB tikkomplimenta oqsma oħra ta' politika tal-UE, u, b'mod partikolari, il-politika ta' koeżjoni, u ttiprovdi riżorsi addizzjonali xierqa li jkunu aċċessibbli għal gruppi destinatariji speċifiċi;
28. Jappella lill-Istati Membri jippromwovu sinerġiji f'termini ta' kontenut, arranġamenti ta' organizzazzjoni u finanzjament bejn proġetti tal-NEB u programmi ta' koeżjoni operazzjonali stabbiliti, bl-użu ta' approċċi lokali, parteċipattivi, ibbażati fuq is-sħubija u fuq livelli diversi li jiffokaw fuq il-ħtiġijiet u l-iżvilupp lokali.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	15.6.2022
Riżultat tal-votazzjoni finali	+ : 36 - : 0 0 : 4
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	François Alfonsi, Pascal Arimont, Adrian-Dragoş Benea, Rosanna Conte, Corina Creţu, Rosa D’Amato, Christian Doleschal, Raffaele Fitto, Chiara Gemma, Mircea-Gheorghe Hava, Krzysztof Hetman, Manolis Kefalogiannis, Constanze Krehl, Elżbieta Kruk, Dan-Ştefan Motreanu, Andżelika Anna Możdżanowska, Niklas Nienaß, Andrey Novakov, Younous Omarjee, Alessandro Panza, Tsvetelina Penkova, Caroline Roose, Marcos Ros Sempere, André Rougé, Susana Solís Pérez, Monika Vana
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Álvaro Amaro, Asger Christensen, Laurence Farreng, Jan Olbrycht, Dimitrios Papadimoulis, Rovana Plumb, Peter Pollák, Simone Schmiedtbauer, Yana Toom
Sostituti (skont l-Artikolu 209(7)) preżenti għall-votazzjoni finali	Pietro Fiocchi, Vlad Gheorghe, Sandro Gozi, Eero Heinäluoma, Antonio Maria Rinaldi

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

36	+
ECR	Pietro Fiocchi, Raffaele Fitto, Elżbieta Kruk, Andżelika Anna Możdżanowska
NI	Chiara Gemma
PPE	Álvaro Amaro, Pascal Arimont, Christian Doleschal, Mircea-Gheorghe Hava, Krzysztof Hetman, Manolis Kefalogiannis, Dan-Ştefan Motreanu, Andrey Novakov, Jan Olbrycht, Peter Pollák, Simone Schmiedtbauer
RENEW	Asger Christensen, Laurence Farreng, Vlad Gheorghe, Sandro Gozi, Susana Solís Pérez, Yana Toom
S&D	Adrian-Dragoş Benea, Corina Creţu, Eero Heinäluoma, Constanze Krehl, Tsvetelina Penkova, Rovana Plumb, Marcos Ros Sempere
THE LEFT	Younous Omarjee, Dimitrios Papadimoulis
VERTS/ALE	François Alfonsi, Rosa D'Amato, Niklas Nienaaß, Caroline Roose, Monika Vana

0	-

4	0
ID	Rosanna Conte, Alessandro Panza, Antonio Maria Rinaldi, André Rougé

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni